MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 1290/2006

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
ANTONJU (ANTHONY) ABDILLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Antonju (Anthony) Abdilla, ta' 60 sena, bin il-mejjet Joseph u l-mejta Paula nee' Magri, imwieled Safi fid-19 ta' Settembru 1946, u residenti St Joseph Flat C, Triq Pawlu Magri, Luqa, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 852646(M), u akkuzat talli fix-xhur ta' qabel Ottubru 2006, f'Hal Safi, Haz Zebbug, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:
1. b'eghmil zieni kkorrompa lil *omissis*, minuri ta' *omissis* sena;

2. ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri ta’ *omissis* sena, *omissis*;
3. offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ *omissis* u l-familja tieghu, ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 50), taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 52).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat ic-certifikat tal-mewt ta’ l-imputat, esebit a fol 72.

Ikkunsidrat:-

Illi in vista li l-Qorti giet infurmata li l-imputat miet fil-mori tal-kawza u in vista tac-certifikat tal-mewt ta’ l-istess imputat (a fol 72), din il-Qorti tiddikjara l-procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------